ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 22 ta' Dicembru 2014 fis-6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Novembru 2014;

   b) Skeda ta' Ħlas Novembru/Dicembru 2014;

5. Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv;

6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 32 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Kien hemm xi rimarki zghar u s-Segretarju emendhom mill-ewwel. Is-Sindku ppropona li jkunu addottati, issekonda il-kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill ircieva kwotazzjoni ghat-tizjin tat-toroq minghand l-Ghaqda Muzikali Santa Marija li tammonta ghal €1000. Qalet ukoll li l-Kunsill ma rcieva ebda kwotazzjonijiet ohra. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni tigi accettata.

b. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill rega ircieva korrispondenza biex issir Ambaxxatur/Ambaxxatrici gdid ghall-Kunsill. Talbet biex il-Kunsill jahtar lil xi hadd.

c. Is-Segretarju qalet li gabet kwotazzjonijiet biex issir l-ordni tal-ikel ghar-riceviment tal-Kunsill nhar it-28 ta' Dicembru. Kompliet tghid li l-ahjar wahda kienet dik tal-Primavera. Ghaldqastant il-Kunsill qabel li l-ordni issir ghand il-Primavera Caterers,

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**3. Materji Finanzjarji:**

**a) *Skeda ta' Ħlas Novembru/Dicembru 2014*.** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru u Dicembru 2014 u li jammontaw għal €64,117.01.

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

***b) Petty Cash Novembru 2014***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Novembru 2014, li kienu jammontaw għal €55.21. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€55.21 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Fenech.

ĦAL GĦAXAQ

**4. <u>Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv</u>**

Is-Sindku qal li l-bord ta' l-Ghazla li kien maghmul minnhu u mill-Kunsillieri Agius u Fenech, ghamel l-intervisiti u kienu tal-fehema li t-tliet applikanti shortlisted kienu validissimi.

Ghaldaqstant is-Sindku talab il-Kunsill japprova n-nomina ta' l-applikanta is-Sinjura Fiona Said u l-Kunsill accetta.

**F'dan li stadju (6.30pm) is-Seduta kienet sospiza biex sar kuntatt mas-Sinjura Fiona Said u eventwalment attendiet biex il-membri tal-Kunsill jiddiskutu id-disponibilita' taghha biex tassumi il-kariga. Il-Kunsill gie rikonvenut fis-7.00pm.**

Is-Sindku qal li wara li hija accettat li tassumi l-kariga, hu kien se jressaq in-nomina taghha lid-Dipartiment ghal approvazzjoni Ministerjali, biex hija tkun tista thaffef il-process ghar-rizenja taghha mill-impjieg attwali, kien se jsir ix-xoghol amministrattiv immedjatament u hekk l-impjieg taghha mal-Kunsill jibda bla interuzzjoni.

Is-Sur Abela ressaq in-nomina tas-Sinjura Said ghal approvazzjoni. Issekondat il-Kunsillier Agius u approvata unanimament mill-Kunsilliera prezenti.

Is-Segretarju qalet li hi se tibghat silta minn dawn il-Minuti lid-Dipartiment ghal approvazzjoni tal-hatra tas-Sinjura Said. Il-Kunsill approva li dan isir.

**6. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

a. Is-Sinjura Agius qalet li l-patching bil-boroz tat-tarmac li qieghed isir kollu qed jinqala. Is-Sindku qal li se jiehu hsieb jara ix-xoghol kif qieghed isir.

b. Is-Sinjura Agius kompliet tghid li fejn l-hanut li fetah fil-kantuniera ta' Vjal il-Labour qed jipparkjaw hazing hafna. Is-Sindku qal li se japplika ghall-"Loading u Unloading Bay" biex it-trakkijiet tax-xoghol ikunu jistghu jipparkjaw sew. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sinjura Schembri qalet li giet avvicinata mis-Sur Ray Abela tat-TCTC dwar korsijiet tal-kompjuter. Il-Kunsillieri ddiskutew din il-materja u gie deciz li dawn il-korsijiet ma jsirux ghax tal-Lifelong Learning qed jorganizzaw diversi korsijiet tal-kompjuter. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**7. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2015, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**<u>Ikkonfermati:- it-Tlieta 6 ta' Jannar 2015, fis-6.00pm</u>**